# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 804/2016/1 SM**

**Marc Stanley Shandler**

**vs.**

**Audrey Abela Shandler**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuta Audrey Abela Shandler minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' April, 2019, fejn fiha hija ġiet ikkundannata trodd lura s-somma ta' €20,000 mislufa lilha mingħand l-attur Marc Stanley Shandler.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-14 ta' Settembru, 2016, l-attur Marc Stanley Shandler fisser li huwa silef lill-konvenuta Audrey Abela Shandler is-somma ta' €20,000 fuq l-idejn. Jgħid li huwa kemm-il darba talabha biex troddlu lura din is-somma, anke b'ittra uffiċjali tat-23 ta' April, 2015, iżda dan kien kollu għalxejn. Għalhekk huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000);*
>
> *2. Tordna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000);*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 23 ta' April, 2013, bl-imgħax legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali u b'hekk l-intimata tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

3. Il-konvenuta Audrey Abela Shandler wieġbet għal dan ir-rikors maħluf fl-14 ta' Ottubru, 2016 u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi l-esponenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *2. Illi, sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrileva illi effettivament u fir-realtà l-attur m'għandu jieħu xejn għaliex għas-somma minnu mislufa lil Alternative Restaurants Limited huwa ġie mħallas għas-saldu bi tpaċija kif jista' jiġi ampjament ippruvat, jekk ikun il-każ, waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *3. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondanti fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*
>
> *4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri talvolta ammissibbli skont il-liġi.»*

4. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' April, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet it-

talbiet kollha tal-attur u b'hekk ordnat lill-konvenuta sabiex tħallsu s-somma ta' €20,000, bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra tagħha. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti kienu dawn:

> *«Illi minn eżami tar-riżultanzi prodotti in atti jirriżulta sintetikament is-segwenti:*
>
> *Illi r-rikorrenti kien jaħdem bħala "general manager" mas-soċjetà Alternative Restaurants Limited, (ara foll 16 u 19);*
>
> *Illi s-soċjetà indikata fil-paragrafu preċedenti kienet tiġġestixxi r-restaurant bl-isem Point de Vue, (ara foll 16 u 19), flimkien ma' żewġha Ian Joel Shandler, li miet fl-2008, (ara foll 44);*
>
> *Illi l-imsemmi Ian Joel u r-rikorrenti Marc huma ahwa, (ara foll 43);*
>
> *Illi l-imsemmi Ian Joel kien ġab lil ħuh jaħdem fl-imsemmi restaurant u impjegah bħala "general manager", (ara foll 43);*
>
> *Illi r-rikorrenti jsostni li wara li miet ħuh Ian Joel, hu sellef €20,000.00 lill-intimata bħala investiment żgħir fl-imsemmija intrapriża, (ara foll 16);*
>
> *Illi in sostenn tal-allegazzjoni ta' self minnhu sottolineat, ir-rikorrenti ippreżenta r-rendikont bankarju li juri li l-pagamenti in diżamina gew mgħoddija lill-intimata fi tliet 4 (3) transazzjonijiet, (ara foll 23, 24 u 25);*
>
> *Illi skont ir-rikorrenti, l-intimat ħallsitu sitt (6) mitt euro, (€600.00), ekwivalenti għal sitt (6) xhur interessi, (ara foll 39);*
>
> *Illi n-negozju in diżamina, ġestit mill-intimata bħala direttur tal-istess, (ara foll 16), ma kienx sejjer tajjeb u effettivament għalaq fl-2013, (ara foll 17 u 45);*
>
> *Illi l-istess intimata ssostni li awtorizzat lir-rikorrenti u lis-soċjetà tiegħu biex jieħdu li jridu mir-restaurant in diżamina inkluż l-isem, l-avjament, il-menus u affarijiet oħra, (ara foll 45);*
>
> *Illi għalkemm ir-rikorrenti offra lill-intimata biex iħallasha l-ammont ġust tal-istess oġġetti riferiti fil-paragrafu preċedenti, (ara foll 26 sa 28), l-intimata baqgħet ma rrispondietx għall-offerta skritta lilha hekk magħmula, (ara foll 17);*
>
> *Illi għalkemm allegatament interpellata biex thallas l-ammont lilha misluf mir-rikorrenti, l-intimata baqgħet inadempjenti, (ara foll 1);*

*Illi għandu jiġi sottolineat li għalkemm ir-rikorrenti jafferma li għamel l-imsemmija talba permezz t'ittra uffiċjali datata l-23 t'April, 2015, (ara foll 1), din l-ittra ma tirriżultax li ġiet ppreżentata in atti;*

*Illi apparti li l-intimata eċċepiet preliminarjament li hi mhix il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, fil-mertu sintetikament issottolineat li, (ara foll 10):*

*i. Ir-rikorrenti m'għandu jieħu xejn;*

*ii. Is-somma in diżamina kienet mislufa lis-soċjetà Alternative Restaurants Limited;*

*iii. Ir-rikorrenti ġa ġie mħallas għas-saldu bi tpaċija;*

*Illi l-intimata tissottolinea fix-xhieda tagħha ppreżentata tramite dikjarazzjoni guramentata li kienet qabblet mar-rikorrenti li tibda thallsu mitejn euro (€200.00), mensilment bħala "return" fuq l-investiment li kien għamel, (ara foll 45);*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari sottomessa mill-intimata rigwardanti l-allegazzjoni tagħha li mhix il-leġittimu kontradittur, jingħad sintetikament is-segwenti:*

*Illi ssir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Francis Felice et vs. Anthony Pisani, datata it-18 t'April, 2013, fejn ġie ritenut fir-rigward is-segwenti:*

> *«Ir-resokont f'termini ġuridiċi tal-premess, meta applikati għall-każ tal-lum, għandu jfisser illi bil-fatt biss illi fir-raba' eċċezzjoni, il-konvenut għażel motu proprio li jeċċepixxi t-tpaċija dak għandu jfisser illi l-konvenut kien qiegħed jaċċetta illi huwa debitur tal-attur.»*

*Illi in vista tas-suepost l-eċċezzjoni preliminari in diżamina għandha tiġi respinta stante li loġikament tikkontrasta mat-tieni (2) eċċezzjoni intavolata mill-istess intimata, (ara foll 10);*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fir-rigward tat-tieni (2) eċċezzjoni tal-intimata li għas-somma mislufa mir-rikorrenti dan kien ġa tħallas għas-saldu bi tpaċija jingħad sintetikament is-segwenti:*

*...*

*Illi minn eżami tar-riżultanzi in atti jirriżulta paċifiku li r-rekwiżiti biex isseħħ it-tpaċija rikjamata mill-intimata ma jeżistux stante li l-ammont li l-intimata ssostni li ġie paċut, (ara foll 10), ma jirriżultax li hu wieħed ċert, likwidu u dovut, u dan, anke minħabba l-fatt li lil din il-*

*qorti ma jirriżultaliex mill-atti li l-intimata rrispondiet għall-korrispondenza lilha mibgħuta mir-rikorrenti fejn stedinha taċċetta l-ammont minnu meqjus ġust għall-oġġetti minnhu meħuda, (ara foll 26 sa 28);*

*Illi konsegwentement, fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara li fuqha l-qorti tkun tista' tasal għal-likwidazzjoni tal-ammont allegatament dovut mir-rikorrenti lill-intimata biex tkun tista' sseħħ it-tpaċija vantata, l-eċċezzjoni minnha vantata ma tistax tiġi akkolta;*

*Illi jiġi f'dan l-istadju sottolineat li fir-rigward kien jispetta lill-intimata biex tissostanzja l-eċċezzjoni minnha stess prodotta u dan, b'figuri konkreti li jippermettu lill-qorti tikkonsidra l-istess eċċezzjoni in diżamina u mhux li tippretendi li tkun l-istess qorti li tasal għal figura hi – anke fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni legali u leġittima fir-rigward;*

*Illi għalhekk, anke t-tieni (2) eċċezzjoni sollevata mill-intimata għandha tigi respinta;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi di più jiġi wkoll sottolineat li mill-istess ittra datata s-17 ta' Settembru, 2013, (ara foll 22), mibgħuta mill-intimata lill-bank ta' fiduċja tagħha, jirriżulta assodat li effettivament ir-rikorrenti veru sellef lill-intimata l-ammont minnu rikjamat permezz tal-proċedura in diżamina kif minnha stess hemmhekk ammess;*

*Illi konsegwentement, anke t-tielet (3) eċċezzjoni sollevata mill-intimata, (ara foll 10), għandha tiġi respinta.»*

5. Il-konvenuta Audrey Abela Shandler appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-14 ta' Mejju, 2019, biż-żewġ aggravji jkunu dawn: (i) li l-Ewwel Qorti ddeċidiet ħażin meta qalet li l-eċċezzjoni tagħha dwar il-leġittimità passiva tagħha mhijiex kompatibbli mal-eċċezzjoni tagħha dwar l-estinzjoni tal-obbligazzjoni minħabba tpaċija; u (ii) li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li l-attur għaddilha l-flus bħala investiment u mhux bħala self.

6. L-attur Mark Stanley Shandler wieġeb għal dan l-appell fis-16 ta'

Lulju, 2023, u fit-tweġiba tiegħu huwa ta r-raġunijiet tiegħu l-għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

7. Inżamm smigħ fil-5 ta' Ottubru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum .

**Konsiderazzjonijiet:**

8. Il-kwistjoni li kellha tiddeċiedi l-Ewwel Qorti kienet dwar jekk huwiex minnu li l-attur silef lill-konvenuta s-somma ta' €20,000 u għalhekk jekk huwa għandux jedd li jitlob dan l-ammont lura.

9. Id-difiża tal-konvenuta kontra l-pretensjonijiet tal-attur ġiet imsejsa fuq żewġ argumenti, *viz*. li hi mhijiex il-leġittimu kontradittur u li l-attur m'għandu jieħu xejn għaliex is-self mogħti lil Alternative Resturants Limited ġie paċut.

10. L-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità passiva għaliex qieset li din l-eċċezzjoni ma toqgħodx mal-eċċezzjoni l-oħra dwar it-tpaċija.

11. L-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-konvenuta appellanta huwa sewwasew fuq jekk hemmx kontradizzjoni bejn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.

12. Il-konvenuta appellanta targumenta li mhux minnu li dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma setgħux joqgħodu flimkien. Tispjega illi fl-ewwel eċċezzjoni dwar l-illeġittimità passiva tagħha hija riedet tfisser li hija m'għandha tagħti xejn lill-attur appellat għaliex l-attur m'għaddiex il-flus lilha personalment iżda dan għaddihom lill-kumpanija Alternative Restaurants Limited, filwaqt li fit-tieni eċċezzjoni tagħha hija riedet tfisser biss li l-attur ma setax jitlob ħlas lura mingħand Alternative Restaurants Limited għaliex il-kreditu tiegħu ġie mħallas bi tpaċija. Għalhekk hija ssostni li m'hemmx kontradizzjoni bejn iż-żewġ eċċezzjonijiet għaliex filwaqt li l-ewwel eċċezzjoni dwar l-illeġittimità passiva tagħha tressqet f'isimha personalment, mill-banda l-oħra t-tieni eċċezzjoni dwar it-tpaċija tal-kreditu ma tressqitx f'isimha personalment iżda tressqet għaliex hija kienet taf li Alternative Restaurants Limited kienet ħallset l-ammont kollu li qed jitlob l-attur.

13. Din il-Qorti tqis li bil-liġi, it-tpaċija hija waħda mill-modi kif tispiċċa obbligazzjoni (ara **Artikolu 1145(d) tal-Kodiċi Ċivili**). Skont l-**Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili**, it-tpaċija sseħħ bit-tħaddim tal-liġi meta tnejn min-nies ikunu midjunin ma' xulxin, b'tali mod li hekk kif ikunu jeżistu ż-żewġt idjun fi żmien wieħed, dawn joqtlu 'l xulxin sa fejn dawn id-djun ikunu ndaqs (ara ***Day to Day Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2020).

14. Kif ingħad fis-sentenza ***Middlesea Insurance p.l.c. v. Raymond***

***Avallone*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Ottubru, 2019, it-tpaċija tista’ titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet jekk dawn ikunu ndaqs fl-istess waqt. Jekk min-naħa ‘l oħra, kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa’ skont kemm l-akbar kreditu jkun jiżboq ’il dak li jkun iċken.

15. Naturalment biex tista’ sseħħ it-tpaċija legali hemm bżonn illi jintwera li hemm żewġt idjun fl-istess waqt, illi jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta’ xulxin (ara ***Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta’ Ottubru, 2007 u ***Philip Tabone noe v. George Spiteri Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Lulju, 2007).

16. B’żieda ma’ dan, biex tista’ tiġi invokata t-tpaċija jeħtieġ li ż-żewġ krediti jkunu aċċettati u mhux ikkontestati mill-partijiet (ara ***San Andrea School v. David Mallia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Ġunju, 2013). Kemm hu hekk, wieħed ma jistax ipaċi kreditu tiegħu, jekk m’hemmx dejn korrispettiv (ara ***Maria Concetta magħrufa bħala Connie Dalli et v. Paul Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Mejju, 2003).

17. Imħaddem dan kollu għall-każ tal-lum, din il-Qorti tqis li l-konvenuta appellanti ma mxietx bl-aħjar mod, meta fl-istess risposta l-

ewwel ressqet l-eċċezzjoni li hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur u mbagħad ressqet l-eċċezzjoni li l-kreditu mitlub mill-attur jinsab paċut ma' kreditu dovut lil terzi. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li l-konvenuta appellanti ma fissritx fl-ewwel eċċezzjoni tagħha għaliex hija kienet qiegħda issostni li mhijiex il-leġittimu kontradittur.

18. F'ċirkostanzi bħal dawn, jekk il-konvenuta appellanti kienet qiegħda ssostni li hija personalment ma' kellha x'taqsam xejn mas-self mitlub mill-attur appellat, allura hija messha waqfet hemm u mhux qanqlet ukoll l-eċċezzjoni tat-tpaċija ma' kreditu ta' Alternative Restaurants Limited, kumpanija din, li lanqas biss ġiet imħarrka fil-kawża. Wara kollox, il-kawża mressqa mill-attur appellat saret kontra l-konvenuta personalment u mhux kontra Alternative Restaurants Limited. Jiġi b'hekk, li l-konvenuta appellanti ma kellhiex għalfejn toqgħod tiddefendi ruħha bl-eċċezzjoni tat-tpaċija tal-kreditu ma' terzi, jekk hija kienet qiegħda tallega li s-self ma ngħatax lilha personalment.

19. Iżda anke jekk stess iż-żewġ eċċezzjonijiet forsi setgħu joqgħodu flimkien għaliex tal-ewwel tressqet mill-konvenuta mil-lenti personali tagħha u t-tieni eċċezzjoni tressqet mil-lenti ta' Alternative Restaurants Limited, dan ma jfissirx li s-sentenza appellata hija ħażina fis-sustanza tagħha.

20. Lil hemm mill-kwistjoni dwar jekk f'dan il-każ l-eċċezzjoni tal-

illeġittimità passiva u l-eċċezzjoni tat-tpaċija jistgħux joqgħodu flimkien, xorta jibqa' l-fatt li ż-żewġ eċċezzjonijiet huma ħżiena.

21. Fuq il-kwistjoni tal-eċċezzjoni tal-illeġittimità passiva, jirriżulta f'paġna 22 tal-atti tal-kawża, li fis-17 ta' Settembru, 2013 il-konvenuta appellanti kienet iffirmat dikjarazzjoni mibgħuta lil Bank of Valletta plc, fejn fiha hija stqarret hekk:

> *«In furtherance of a discussion held with Mr. Marc Shandler, whereby the undersigned was informed that he required a letter attesting to the fact that the same gave on loan the undersigned the sum of 20,000 euro, I hereby confirm the aforementioned. Moreover, the sum indicated will be returned in due course subject to any negotiations between the two parties in regards to any intellectual property rights, furniture, soft furnishings or other objects concerning Butcher's Grill.*
>
> *For any additional information please do not hesitate to contact me on 79456370 or audreyshandler@gmail.com*
>
> *Kind Regards,*
>
> *(Signed)*
> *Audrey Abela Shandler»*

22. Din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata mill-konvenuta appellanti f'isimha stess u mhux f'isem Alternative Restaurants Limited. Għalhekk fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni tagħha stess, il-konvenuta appellanti ma tistax tgħid li hi mhijiex il-leġittimu kontradittur. Din l-eċċezzjoni għalhekk ma setgħet qatt tintlaqa'.

23. L-istess jgħodd għall-eċċezzjoni dwar it-tpaċija għaliex irrispettivament jekk f'dan il-każ hemmx tnejn min-nies li huma debituri u

kredituri ta' xulxin, xorta jibqa' l-fatt li skont l-**Artikolu 1199(b) tal-Kodiċi Ċivili** ma jistax ikollok tpaċija meta jintalab ir-radd ta' self tal-użu.

24. Tħares minn fejn tħares għalhekk dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuta appellanti mhumiex mistħoqqa, bil-konsegwenza allura li l-ewwel aggravju tagħha ma jistax iwassal għat-tħassir tas-sentenza u b'hekk dan l-aggravju tagħha qiegħed jiġi miċħud.

25. Il-Qorti tista' tgħaddi issa biex tqis it-**<u>tieni aggravju</u>**. Fih hija targumenta li f'dan il-każ il-flus ma ġewx mgħoddija mill-attur appellant bħala self iżda bħala investiment.

26. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju ma huwa fejjiedi xejn. Dan mhux biss għaliex kif rajna aktar 'il fuq, il-konvenuta appellanti stess iddikjarat mal-Bank of Valletta plc li hija ngħatat dawn il-flejjes bħala self, iżda anke għaliex fir-risposta maħlufa tagħha hija mkien ma tgħid li l-flus ġew mgħoddija mill-attur appellat bħala investiment. Anzi fit-tieni eċċezzjoni tagħha hija tuża l-kliem «*somma minnu mislufa*».

27. F'dan il-kuntest il-konvenuta appellanta ma tistax issib wens fil-fatt li fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Novembru, 2016, l-attur appellat kien qal li, «*I had given this amount to the defendant as a small investment in the business in question.*» Dan għaliex aktar 'l isfel fix-xhieda tiegħu huwa

spjega li, «*I was prepared to lend her the amount of twenty thousand euro (€20,000) to help her in the business and she said she would be prepared to return that amount at the end after the business.*»

28. Huwa ċar li kliem l-attur appellat hawnhekk għandu jiġi interpretat li huwa sellef is-somma ta' €20,000 lill-konvenuta appellanti biex din tkun tista' tinvestihom fin-negozju tagħha, u mhux li huwa għadda €20,000 lill-konvenuta bħala investiment, bir-riskju li jitlifhom jekk in-negozju tagħha jmur ħażin.

29. Anke dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell ta' Audrey Abela Shandler, bl-ispejjeż kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da